

Brussell, 24 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

13665/22  
PV CONS 58  
AGRI 548  
PECHE 403

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
**(Agrikoltura u Sajd)**  
17 ta' Ottubru 2022

## WERREJ

### Paġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda .....	3
2.	Approvazzjoni tal-punti "A" .....	3
	a) Lista mhux leġiżlattiva	
	b) Lista leġiżlattiva	

### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

#### SAJD

3.	Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 applikabli fil-Baħar Baltiku .....	4
4.	Laqgħa annwali tal-ICCAT (14-21 ta' Novembru 2022).....	4

#### AGRIKOLTURA

5.	Is-sitwazzjoni tas-swieq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna.....	4
6.	Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ .....	4

### Affarijiet oħra

7.	a) It-tmiem fl-UE kollha tal-qtil sistematiku ta' flieles maskili.....	5
	b) L-indirizzar tar-restrizzjonijiet ta' kofinanzjament ta' programmi fitosanitarji u veterinarji billi jiġu esplorati għażliet għat-titjib tal-implimentazzjoni abbażi ta' diskussjoni strateġika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.....	5
	c) Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agricoltura tal-Grupp ta' Visegrad u l-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Rumanija u s-Slovenja dwar l-isfidi u l-opportunitajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-inizjattivi tal-UE dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola ....	6
	d) Għalf organiku tal-proteini mill-Ukrajna .....	6
	e) L-importanza ta' ħidma f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri fit-tnejn tal-qafas tal-UE għall-monitoraġġ tal-foresti u l-pjanijiet strateġiċi.....	6
	f) Il-promozzjoni tal-fertilizzanti RENURE bħala parti minn ekonomija ċirkolari .....	7

ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill .....	8
--	---

\*\*\*

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 13308/1/22 REV 1.


**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**(a) Lista mhux leġislattiva** 13310/22

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 13310/22 inkluż id-dokumenti COR u REV imressqa għall-adozzjoni.


**(b) Lista leġislattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 13311/22

Impjiegi u Politika Soċjali

- 1. Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpanniji elenkati f'borża u miżuri relatati**  13153/1/22 REV 1 + ADD 1 REV 1 10521/22 + ADD 1 + ADD 1 COR 2 SOC  
*Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-12.10.2022*

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, bil-Polonja, l-Ungerija u l-Iżvezja jivvutaw kontra, u l-Estonja, il-Latvja, r-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jastjenu (Bażi legali: Artikolu 157(3) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

## Trasport


2. **Regolament dwar l-eżenzjoni temporanja mir-rekwiżiti ta' slots**  13532/22  
PE-CONS 47/22  
AVIATION  
*Adozzjoni tal-att leġislativ*  
*Deċiżjoni li tingħata deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat*  
*previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti*  
*nazzjonali fl-UE*  
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-12.10.2022

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Bażi legali: Artikolu 100(2) TFUE).

Il-Kunsill qabel li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali.

## Attivitajiet mhux leġislativi


### SAJD

3. **Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 applikabbli fil-Baħar Baltiku**  13353/22  
11877/22 + ADD 1  
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43(3) TFUE)  
*Qbil politiku*
4. **Laqgħa annwali tal-ICCAT (14-21 ta' Novembru 2022)** 12238/22  
*Skambju ta' fehmiet*


### AGRIKOLTURA

5. **Is-sitwazzjoni tas-suq b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna** 13176/2/22 REV 2  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri* 13467/22  
*Skambju ta' fehmiet*
6. **Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ** 13077/22  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*  
*Skambju ta' fehmiet*

## Affarijiet oħra


7. a) **It-tmiem fl-UE kollha tal-qtil sistematiku ta' flieles maskili**  13317/22  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża u dik Ġermaniża fisem id-delegazzjoni Awstrijaka, Belġjana, Ċiprijotta, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Irlandiża, Lussemburgiża u Portugiża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Franċiża u dik Ġermaniża, fisem id-delegazzjoni Awstrijaka, Belġjana, Ċiprijotta, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Irlandiża, Lussemburgiża u Portugiża, dwar il-qtil ta' flieles maskili, kif tinsab fid-dokument 13317/22. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru minn diversi delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

- b) **L-indirizzar tar-restrizzjonijiet ta' kofinanzjament ta' programmi fitosanitarji u veterinarji billi jiġu esplorati għażliet għat-titjib tal-implimentazzjoni abbażi ta' diskussjoni strateġika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri**  13491/1/22 REV 1  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka u dik Ungeriża, bl-appoġġ tad-delegazzjoni Belġjana, Bulgara, Ċiprijotta, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Griega, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Lussemburgiża, Maltija, Netherlandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana*


Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Awstrijaka u dik Ungeriża, appoġġati mill-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja, kif tinsab fid-dokument 13491/1/22 REV 1, dwar il-kwistjoni tal-indirizzar tar-restrizzjonijiet ta' kofinanzjament ta' programmi fitosanitarji u veterinarji billi jiġu esplorati għażliet għat-titjib tal-implimentazzjoni abbażi ta' diskussjoni strateġika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru minn diversi delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

- c) **Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agricoltura tal-Grupp ta' Visegrad u l-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Rumanija u s-Slovenja dwar l-isfidi u l-opportunitajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-inizjattivi tal-UE dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola**  13405/22  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovakka f'isem id-delegazzjoni Bulgara, Kroata, Pollakka, Rumena, Slovakka, Slovena u dik Ungeriża*


Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Slovakka dwar Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agricoltura tal-Grupp ta' Visegrad u l-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Rumanija u s-Slovenja dwar l-isfidi u l-opportunitajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-inizjattivi tal-UE dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti mid-delegazzjonijiet u l-Kummissjoni dwar dan is-suġġett.

- d) **Għalf organiku tal-proteini mill-Ukrajna** 13506/22  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Litwana*
- e) **L-importanza ta' ħidma f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri fit-tħejjija tal-qafas tal-UE għall-monitoraġġ tal-foresti u l-pjanijiet strateġiċi**  13495/22  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka u dik Finlandiża f'isem id-delegazzjoni Awstrijaka, Bulgara, Ċiprijotta, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Ungeriża u Żvediża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Awstrijaka u dik Finlandiża f'isem l-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Ungerija u l-Iżvezja. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet imsemmija hawn fuq b'appoġġ għall-Awstrija u l-Finlandja kif ukoll mill-Kummissjoni.




**f) Il-promozzjoni tal-fertilizzanti RENURE bħala parti minn ekonomija ċirkolari**

 13473/1/22 REV 1

*Informazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana, appoġġata mid-delegazzjoni Maltija, Netherlandiża, Portugiża, Spanjola u dik Ungeriża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Belġjana dwar il-promozzjoni tal-fertilizzanti RENURE bħala parti minn ekonomija ċirkolari.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tal-Kummissjoni fuq dan is-suġġett.

- 
-  L-ewwel qari
  -  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
  - (\*) Punt li jista' jintalab vot dwaru
  -  Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-

**Dikjarazzjonijiet għall-punt "A" Leġiżlattiv li jinsab fid-dokument 13311/22**

**Dwar il-punt "A"**  
**nru 1:**

**Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpanniji elenkati f'borża u miżuri relatati**  
*Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill*

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa u ser jibqa' ddedikat għall-impenji tiegħu marbutin mad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-idea ta' "ġeneru" li mhumiex kompatibbli mal-prinċipji bażiċi tal-Kostituzzjoni Bulgara. Barra minn hekk, fl-2021 il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tiċċara li l-kunċett ta' "sess" użat fil-Kostituzzjoni, fil-kuntest tal-ordni legali nazzjonali, għandu jinftehem fis-sens bijoloġiku biss tiegħu (irġiel u nisa).

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tal-kwistjoni, ir-Repubblika tal-Bulgarija mhijiex kontra l-adozzjoni tal-abbozz ta' Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpanniji elenkati f'borża; madankollu, f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija hawn fuq, **hija tiddikjara li, b'rabta mar-referenzi għat-terminu "ġeneru" fid-Direttiva, ir-Repubblika tal-Bulgarija tifhmu fis-sens bijoloġiku biss tiegħu."**

**DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA**

"Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tinterpreta d-Direttiva b'tali mod li s-sitwazzjoni legali attwali tal-Ġermanja taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżoli sospensivi u li, bħala riżultat, il-Ġermanja mhux ser tkun meħtieġa tittrasponi d-Direttiva fil-liġi nazzjonali ladarba l-klawżoli sospensivi jkunu ġew invokati."

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tqis li l-inizjattivi għall-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel huma tal-akbar importanza, u għalhekk aħna ġeneralment nappoġġaw l-għan tad-Direttiva proposta li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż fl-isfera ekonomika. L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Għal dawn ir-raġunijiet, l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" ser tiġi interpretata mill-Ungerija bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-espressjoni "bilanċ bejn il-ġeneri" ser tiġi interpretata mill-Ungerija bħala bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 u l-Artikolu 157, il-paragrafu 3 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. B'rabta ma' dan ta' hawn fuq, l-espressjonijiet li fadal li fihom it-terminu "ġeneru" ser jiġu interpretati mill-Ungerija bħala "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19, il-paragrafu 1, u l-Artikolu 157, il-paragrafi 2 u 4 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-Ungerija tiddikjara li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi 2020-2025" imsemmija fid-Direttiva għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru.

Barra minn hekk, l-Ungerija temmen li t-test finali tal-proposta ma jqisx il-fatt li l-Istati Membri għandhom sitwazzjonijiet differenti ħafna fir-rigward tal-proporzjonijiet ta' nisa fuq il-bordijiet fil-kumpanniji kkonċernati, u għalhekk għandhom jiksbu livelli differenti ħafna ta' progress fil-perjodu ta' żmien tal-proposta. Aħna nemmnu li l-grad ta' progress kellu jiġi kkunsidrat aħjar fl-applikazzjoni tal-klawżola sospensiva.

L-Ungerija temmen li l-ftehim finali fost il-koleġiżlaturi jissagrifika wisq mill-klawżola sospensiva. It-test ma żammx l-elementi ewlenin tal-klawżola sospensiva u, barra minn hekk, bl-iskadenzi modifikati, il-klawżola tneħħitilha kull sustanza. Il-penali jikkostitwixxu interferenza eċċessiva fil-liġi nazzjonali, u b'hekk idgħajfu l-awtonomija u l-flessibbiltà tal-Istati Membri. Il-formulazzjoni attwali tal-Artikolu 5 timponi wkoll obbligu legali vinkolanti biex jintlaħqu l-oġettivi. Il-ftehim finali naqas ukoll milli jindirizza b'mod sodisfaċenti t-tħassib rigward il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, u l-ħtieġa li jitqiesu b'mod xieraq il-liġijiet tal-kumpanniji u l-liġijiet korporattivi differenti tal-Istati Membri tal-UE. Konsegwentement, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni ta' din id-Direttiva."

## DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka, f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-espressjoni "bilanċ bejn il-ġeneri" bħala bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Polonja ser tinterpreta espressjonijiet oħra li fihom it-terminu "ġeneru" bħala li jirreferu għal "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."